MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 137/1992/2

**Marianna Sciberras, Carmelo Bugeja, Francis, Anthony,**
**John, Pawla Borg, Maria, Filomena Muscat, Gorga Borg,**
**Carmela Attard, ahwa Bugeja; Carmela Rapa, Filippu, Giuseppi u Francesca Vella ahwa Bonnici; Anthony Farrugia;**
**u b'nota tal-4 ta' Lulju 2000 Filomena xebba Bugeja u Maria Assunta mart Raymond Bugeja qua eredi ta' Carmelo Bugeja li miet fil-mori tal-kawza, assumew l-atti minflokk l-istess Carmelo Bugeja**

**vs**

**Maria Rosa Tabone, Perit Joseph Dimech u Joseph Bonnici.**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn sentenza tal-15 ta’ Jannar, 1999 moghtija mil-Qorti ta’ Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-kawza fl-ismijiet premessi meta dik il-Qorti filwaqt li cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Bonnici u ghalhekk illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju, laqat l-istess talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Maria Rosa Tabone u l-Perit Joseph Dimech billi ddikjarat li l-agir ta’ dawn iz-zewg konvenuti kien jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi u konsegwentement ikkundannathom sabiex zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jirreintegraw lill-atturi fid-dritt taghhom billi jnehhu l-bieb tal-metal li jifred il-hanut fil-pussess tal-konvenuta Tabone mill-bqija tat-terran nru. 15, Triq Marina, Xlendi, u t-tarag li mit-terrazzin tal-mezzanin sovrastanti bin-numru 15A, fl-istess Triq jikkonduci ghall-bitha fil-fond terran imsemmi u jerghu jaghmlu kollox kif kien, u dana a spejjez tal-konvenuta Tabone, billi l-istess xogholijiet kienu saru fl-interess uniku taghha. Fin-nuqqas awtorizzat lill-istess atturi jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji biex jigi spurgat dan l-ispoll, u dana taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Richard Aquilina li gie nominat ghal dan il-fini, u a spejjez ta’ l-istess konvenuta. Is-sentenza appellata qed tigi riprodotta bhala appendici “A” biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Dwar l-ispejjez gie provdut li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, dawn kellhom jigu sopportati kwantu ghal kwart mill-perit Dimech u kwnatu ghat-tliet kwarti l-ohra mill-konvenuta Tabone.

Minn din is-sentenza appellat biss l-konvenuta Maria Rosa Tabone li b’rikors ppresentata quddiem din il-Qorti fit-3 ta’ Frar, 1999 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija,

din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija fil-15 ta’ Jannar 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi, (a) filwaqt li tikkonfermaha kwantu illiberat lill-konvenut Joseph Bonnici mill-osservanza tal-gudizzju, (b) tirrevokaha billi tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellanti u tichad it-talbiet tal-atturi appellati; u (c) tirrevokaha kwantu akkollat lill-appellanti t-tliet kwarti tal-ispejjez tal-kawza. Bl-ispejjez.

**Il-fatti antecedenti.**

Il-kwistjonijiet ta’ bejn il-kontendenti jikkoncernaw principalment dritt ta’ passagg minn go hanut mikri lill-konvenuta u ta’ proprjeta` komuni tal- kontendenti, liema passagg jwassal ghall-ambjenti retroposti l-istess hanut ukoll ta’ proprjeta` komuni.

Huwa hawn superfluwu li tigi riprodotta s-saga ta’ proceduri legali relatati ma’ dan id-dritt ta’ passagg, liema proceduri huma fedelment riprodotti fis-sentenza appellata u ben noti lill-partijiet. Ikun sufficjenti ghall-ahjar intendiment tal-kontestatzzjoni u ta’ din is-sentenza li ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tat-13 ta’ Jannar 1992 fil-kawza fl-istess ismijiet u ghall-proceduri li saru wara l-istess sentenza. F’dawk il-proceduri, istitwiti wkoll mill-atturi (appellati odjerni) il-Qorti giet mitluba li tiddikjara li l-atturi bhala ko-proprjetarji tal-fond numru 15, Xlendi Beach, Xlendi, ghandhom id-dritt li jkollhom ic-cavetta ta’ l-istess fond biex jaghmlu uzu mill-ambjenti kollha tieghu barra l-kamra laterali li tinsab mikrija lill-konvenuta; u li konsegwentement il-konvenuta (appellanti odjerna) tigi kundannata sabiex fi zmien li jigi lilha prefiss hija taghti cavetta ta’ l-istess post lil kull wiehed u wahda mill-atturi u thallihom jaghmlu uzu liberament mill-ambjenti komuni mikrija ta’ l-istess fond.

L-imsemmija proceduri gew determinati in prim istanza b’sentenza tal-Qorti ta’ Ghawdex Civili Superjuri ta’ l-1 ta’ Gunju, 1989 liema qorti filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta u kkonfermat id-dritt tal-atturi kif espost fic-citazzjoni, ikkundannat lill-istess konvenuta (f’dawk il-proceduri u appellanti odjerna) sabiex

fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza "*taghti cavetta ta' l-istess post lil kull wiehed u wahda mill-atturi u thallihom jaghmlu uzu liberament mill-ambjent komuni mhux mikrija ta' l-istess fond bl-ispejjez kontra l-konvenuta.*"

B'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1992, filwaqt li l-appell tal-konvenuta (mis-sentenza fuq citata) gie michud, l-Qorti ta' l-Appell ipprovdiet hekk:-
"*taghti d-dritt illi sa l-ahhar ta' April 1992 hija (l-konvenuta), a spejjez taghha, taghmel xogholijiet strutturali tali li jassiguraw l-access ta' l-atturi ghall-ambjenti tal-fond in kwistjoni b'eskluzzjoni tal-kamra mikrija lill-konvenuta, u dana bl-anqas hsara u inkonvenjenza possibbli, u taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Joseph Dimech, li ghandu, malli jigi avvicinat mill-konvenuta, jissenjala l-accettazzjoni tieghu b'nota fir-Registru tal-Qorti ta' l-ewwel grad, liema xogholijiet ghandhom jigu sofferti mill-atturi, u jekk u meta dawn ma jsirux, il-konvenuta hija kkundannatha li lil kull wiehed mill-atturi, a spejjez taghhom, tfornihom b'cavetta tal-bieb ta' barra tal-fond, mil-liema bieb huma jkunu jistghu jaccedu ghall-ambjenti l-ohra barra l-kamra mikrija lill-konvenuta.*"

Jidher ghalhekk li l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata u b'hekk il-kundanna tal-konsenja tac-cwievet baqghet in vigore, fil-konsiderazzjonijiet li ipprecedew l-parti dispositiva tas-sentenza il-Qorti osservat li minhabba l-fatt li d-dritt ta' passagg, wara l-mewt ta' certu Saver Bugeja (li kien kera lill-konvenuta l-hanut in kwistjoni) sar aktar gravuz ghall-konvenuta "*ghaliex l-atturi issa huma xi disgha – bejn sidien u amministraturi*" l-istess konvenuta ghandu jkollha d-dritt li din il-modalita` tal-kirja tibdilha u tehles minnha sakemm issib mezz kif tassikura d-dritt ta' l-access ta' l-atturi ghall-ambjenti l-ohra tal-fond.

Effettivament l-konvenuta f'dawk il-proceduri, u konvenuta wkoll f'dawn il-proceduri, ghazlet li tadotta l-proposta li kienet saritilha fl-imsemmija sentenza u informat b'dan lill-Perit Dimech.

In adempiment tal-inkarigu lilu moghti l-Perit Dimech laqqa' l-partijiet fuq il-post u issugerixxa mod kif, fl-opinioni tieghu, setghet tigi solvuta l-vertenza u b'hekk jinghata passagg ghall-ambjenti retroposti ghall-hanut bin-numru 15, Triq Xlendi Beach, Xlendi. Din il-proposta, inkorporata fir-rapport tieghu tas-27 ta' Marzu, 1992 presentat lil din il-Qorti u li jinsab fl-atti tal-kawza deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 1992, ma gietx milqugha mill-atturi odjerni li ghamlu hilithom kollu sabiex ix-xogholijiet proposti ma jsirux u dana principalment billi dawk ix-xogholijiet kienu ser jeffettwaw proprjeta ohra u cioe il-fond 15A, Xlendi Beach, Xlendi liema fond ma kienx involut fil-kawza deciza f'Jannar 1992. Infatti dak li kien qed jipproponi l-istess Perit Dimech kien li jinqala' s-saqaf tal-kamra ta' wara nett u jsir tarag tal-konkos mill-pjan terren ghall-ewwel sular u li jsir bieb bejn il-hanut u l-kmamar retroposti ghalih. B'dan il-mod skond l-istess Perit Dimech, kif jidher fil-parti konkluziva tar-rapport, "*l-ambjenti kollha jkunu accessibli mil koproprjetarji kollha* *bla ma* *jintmiss il-hanut lokat lil Maria Rosa Tabone* *......*"

L-atturi odjerni interpellaw lill-perit Dimech u talbuh jiddezisti milli jaghmel ix-xogholijiet minnu proposti u ghalhekk wara diversi prorogi u billi ma intlahaq ebda ftehim bejn il-kontendenti dwar kif kellhom isiru x-xogholijiet b'rikors ipprezentat fit-30 ta' Lulju, 1992, wara li rrileva "*li hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar liema parti mill-proprjeta` hija kolpita mis-sentenza, u dwar it-tip ta' xogholijiet li ghandhom isiru, liema kwistjonijiet l-esponenti bhala Perit Tekniku, ma jhossx li huwa kompetenti jew ghandu xi awtorita` jsolvihom definittivament*" (sottolinear tal-Qorti), il-Perit Dimech talab direttivi mill-Qorti jew sabiex alternattivament jinhatar perit legali sabiex dan jaghraf jaghti interpretazzjoni korretta tad-decizjoni ta' din il-Qorti. B'digriet tat-18 ta' Awissu, 1992 din il-Qorti pprovdiet fuq ir-rikors tal-Perit Dimech billi qalet hekk: "*Tirriferixxi lir-rikorrent ghad-dispositiv preciz tas-sentenza, u bir-rigward kollu tindikalu li hemm hekk m'hemm ebda permess biex jsiru xogholijiet hlief fil-parti tal-fond mikri lill-konvenuta. Riferenza ghandha ssir ukoll ghad-digriet ta' llum stess wara r-rikors ta' Maria Rosa Tabone.*"

Fid-digriet tat-18 ta' Awissu, 1992 fuq ir-rikors tal-konvenuta tal-31 ta' Lulju, 1992 fejn il-konvenuta kienet allegat indhil mill-kontro-parti fl-esekuzzjoni tas-sentenza u b'hekk talbet estensjoni tat-terminu ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet skond kif suggerit mill-Perit Dimech, din il-Qorti, kif diversament komposta, qalet hekk: "*Tosserva illi r-rikorrenti jidhrilha li b'xi mod tista' tifhem is-sentenza taghha bhala  awtorizzazzjoni biex hija tista' taghmel xogholijiet f'xi parti mill-proprjeta` li mhix mikrija lilha – hija din il-pretensjoni ghal kollox arbitrarja li tawlet inutilment il-kwistjoni bhala l-ahhar koncessjoni taghti lill-konvenuta zmien xahar mil-lum biex taghmel – jekk trid u fil-parti lilha mikrija ix-xogholijiet li jidhrilha biex tehles mill-obbligu li thalli l-koproprjetarji eredi l-ohra li jghaddu mill-hanut.*"

Minkejja dawn il-provvediment hekk cari ta' din il-Qorti, fil-31 ta' Awissu, 1992 il-Perit Dimech rega' adixxa din il-Qorti u talab provvediment dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru billi, skond hu, kieku x-xogholijiet "*kellhom isiru fil-kamra l-mikrija, kienu jirriducu ferm l-ispazju u jillimitaw l-uzu taghha.*" Fuq dan ir-rikors il-Qorti fid-29 ta' Settembru, 1992 irriferit lil Perit ghad-digriet taghha precedenti (u cioe` dak tat-18 ta' Awissu, 1992) u ghal dak tas-16 ta' Settembru 1992 wara r-rikors li ghamlet Maria Rosa Tabone "*li ghandu jitqies*" kompliet tghid il-Qorti, "*bhala assolutament konklussiv.*"

Bir-rikors tal-11 ta' Settembru, 1992 l-konvenuta sokkombenti f'dawk il-proceduri determinati f'Jannar 1992, wara li ppremettiet li din il-Qorti kienet accettat ir-relazzjoni peritali tal-Perit Joseph Dimech (fuq imsemmija) u wara li gie premess ukoll li d-digriet tat-18 ta' Awissu, 1992 kien jikkonfliggi mal-parti disposittiva tas-sentenza, talbet li jigi revokat l-imsemmi digriet fejn kien gie ordnat "*li x-xogholijiet ghandhom isiru biss fil-hanut mikri lill-esponenti (konvenuta)*" u li testendi t-terminu ghax-xogholijiet mehtiega.

Din il-Qorti iddeterminat finalment il-kwistjoni bid-digriet taghha tas-16 ta' Settembru, 1992 fejn qalet hekk:

"*Rat ir-rikors u dak kollu li ippreciedih wara d-data tas-sentenza; peress illi huwa skond is-sens, illi dak li ghandhom jsofru l-atturi huwa li jsiru xogholijiet strutturali fil-kamra – hanut, li taghha huma koproprjetarji u li kieku ma kienx ghas-sentenza ma kienux jistghu jsiru minghajr il-kunsens taghhom, kif ukoll illi din is-soluzzjoni qedgha tinghata biex il-konvenuta tkun tista' tehles mid-dritt tal-atturi li jghaddu mill-hanut kull darba li jridu jaccedu ghall-parti ta' wara tal-fond, fil-pjan terren – l-istess soluzzjoni ma tistax b'ebda mod tiftiehem li ghandha taggrava b'tibdil il-bqija tal-fond – semplicement ghaliex il-konvenuta ghandha l-lokazzjoni tal-kamra ta' barra fil-pjan terren."*

Minkejja dan kollu u d-direttivi cari u espliciti ta' din il-Qorti jirrizulta li x-xogholijiet saru fit-18 ta' Settembru 1992 kif propost mill-Perit Joseph Dimech wara direttiva li huwa ta lill-konvenuta b'ittra tas-17 ta' Settembru, 1992.

In segwitu ghal dan u meta l-atturi odjerni saru jafu bl-esekuzzjoni tax-xogholijiet in kwistjoni giet intavolata din ic-citazzjoni possessorja billi hassew li kien sehh spoll vjolenti fil-konfront taghhom meta twahhal "*bieb intern tal-metal biex jimpedixxu lill-atturi li jghaddu mill-bieb ta' barra tat-terran nru 15 ghall-ambjenti ta' wara u oltre dan wahhlu tarag tal-hadid fil-bitha tal-istess terran li jaghti ghall-veranda tal-mezzanin nru 15A, Triq Marina*".

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Qabel xejn ghandhom jigu sottolineati zewg punti:-
*a)* Dan l-appell gie promoss biss mill-konvenuta Maria Rosa Tabone. Ghalhekk, jinghad x'jinghad f'din is-sentenza l-posizzjoni legali tal-konvenut l-iehor l-A.I.C. Joseph Dimech qatt ma tista' tigi effettwata u dana stante li s-sentenza tal-15 ta' Jannar, 1999 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri llum taghmel stat kontra tieghu. Ghall-istess raguni dak kollu li nghad fir-rikors tal-appell, fin-nota ta' osservazzjonijiet u fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tal-appellanti u li b'xi mod jirrifletti fuq l-agir u l-posizzjoni legali tal-istess Perit Dimech, huwa ghal kollox

irrilevanti u ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti.
*b)* Illi s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, cioe` dik tat-13 ta' Jannar, 1992, kif ukoll d-digrieti u provvedimenti kollha li nghataw in segwitu ghall-istess sentenza, jaghmlu stat bejn il-partijiet u din il-Qorti mhux tenuta u lanqas ma ghandha xi awtorita` li tindaga u tikkummenta fuq dak li gie diga deciz b'dik is-sentenza u d-digrieti sussegwenti li, wara kollox ma bidlu xejn minn dak li kien intqal fis-sentenza originali, kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess mill-appellanti.

Dan premess, hija l-fehma ta' din il-Qorti li dak li sar mill-konvenuta fis-17 ta' Settembru, 1992, anke jekk fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit Dimech mahtur appositament minn din il-Qorti, kien imur kontra l-ispiritu u l-verb tas-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992 inkwantu kontrarjament ghal dak deciz u sussegwentement spjegat permezz tad-diversi digrieti, x-xogholijiet intizi biex jaghtu access lill-atturi, f'dik il-kawza u kif ukoll f'din il-kawza, ghall-ambjenti retroposti l-hanut 15, Triq Marina, Xlendi, ma gewx ezegwiti fil-hanut meritu tal-kawza, kif iddisponiet l-imsemmija sentenza, izda pjuttost f'proprjeta` ohra kompletament distinta u separata, ghalkemm ta' koproprjeta` tal-istess kontendenti, mill-fond meritu tal-kawza.

B'dana kollu, gia la darba l-kawza hija wahda possessorja, din il-Qorti trid tifli l-provi sabiex tara u tiddecidi jekk jikkonkorrux it-tlett elementi rikjesti sabiex azzjoni tali tirnexxi, u cioe` r-rekwizit tal-pussess, il-fatt tal-ispol u li l-azzjoni giet intavolata entro x-xahrejn mid-data tal-allegat spoll. Dawn l-elementi huma komunement konoxxuti bhala *possedisse, spoliatum fuisse* u *infra bimestre deduxisse,*

Certament hemm qbil bejn il-kontendenti, u dana fatt li ma jistax jigi, negat billi jirrizulta in atti b'mod l-aktar lampanti (vide nota tal-Perit Joseph Dimech tat-30 ta' Settembru 1992 fl-atti tal-kawza Citaz. nru 123/86 liema atti jinsabu allegati ma dan il-process), li x-xogholijiet gew ezegwiti fit-18 ta' Settembru, 1992 mentri l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' Novembru, 1992. Minn dan jirrizulta t-

tielet rekwizit tal-azzjoni ta' spoll privileggjat a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili. Isegwi ghalhekk li a tenur ta' l-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-konvenut ma jistax jaghti "*ebda eccezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun raga' qieghed il-haga fl-istat ewlieni u raga qieghed ghall-kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iz-zmien illi, skond ic-cirkostanzi, jigi moghti lilu fis-sentenza....*" B'rispett lejn din ir-regola l-ligi trid li l-Qorti tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt ta' l-ispoll. Sew fil-proceduri quddiem l-ewwel qorti kif ukoll fir-rikors ta' l-appell gie sottomess li l-proceduri odjerni ma jistghux ikollhom ezitu favorevoli ghall-atturi billi qatt ma kien hemm spoll ai termini tal-ligi billi l-atturi ma kellhomx il-pussess u fi kwalunkwe kaz dak li sar ma sarx bi vjolenza jew bil-mohbi.

**Il-Pussess.**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-fond in kwistjoni tant hu hekk li l-ghan tal-proceduri fil-kawza citazjoni numru 123/86 kien proprju sabiex l-atturi jinghataw l-pussess materjali tal-fondi retroposti l-hanut mikri lill-konvenuta. Billi ghalhekk fil-mument li saru x-xogholijiet mertu ta' dawn il-proceduri l-atturi ghad ma kellhomx il-pussess materjali tal-fondi in kwistjoni, ma jista' qatt jezisti l-ispoll.

L-ewwel qorti cahdet dan l-argument billi korrettament irriteniet li l-azzjoni odjerna ma tikkoncernax biss spoll fuq il-fond gja mertu tal-kawza Citazzjoni numru 123/86 izda, kif jidher car minn qari akkurat tac-citazzjoni f'dawn il-proceduri, l-ispoll lamentat jirrigwarda wkoll il-fond sovrastanti billi jirrizulta li l-konvenuta ghamlet xogholijiet fl-imsemmi fond minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra meta nehhiet parti mic-cint tal-veranda u ghamlet tarag tal-hadid li, mill-veranda, jwassal ghall-bitha tal-ambjenti sottostanti. Infatti l-ewwel Qorti qalet hekk fir-rigward: "*Lanqas ma jidher li hemm xi dubbju illi l-atturi, bhala komproprjetarji tal-mezzanin 15A, Xlendi Beach, Xlendi, fejn saru x-xogholijiet imsemmija kellhom il-pussess attwali ta' l-istess fond meta saru dawn ix-*

*xogholijiet*." Izda oltre dan jigi rilevat li xhur qabel ma gew ezegwiti x-xogholijiet l-atturi kellhom il-pussess legali tal-access li effettivament gie mbarrat bil-bieb tal-hadid istallat mill-konvenuta u dana nkwantu bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1992, kien gie finalment deciz li dan id-dritt kien jezisti u li konsegwentement l-konvenuta kienet obbligat li tforni lill-atturi cavetta tal-fond 15, Xlendi Beach, Xlendi. Il-fatt li l-konvenuta f'dawk il-proceduri (appellanti odjerna) naqset milli tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti, anke wara li kien ghadda t-terminu stabilit fis-sentenza ma jagevola xejn lill-istess konvenuta anzi jaggrava l-posizzjoni taghha billi n-nuqqas ta' konsenja tac-cwievet kienet tammonta mhux biss ghal negazzjoni tad-drittijiet ta' l-atturi izda wkoll disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti. Infatti sussegwentement ittiehdu proceduri kontra l-istess konvenuta ghall-hrug ta' mandat *in factum* sabiex din tigi obbligata taghmel dak li kienet giet ordnata bl-imsemmija sentenza.

**L-Ispoll.**

Stabilit li bix-xogholijiet ezegwiti mill-konvenuta fil-fond sovrastanti din iddisturbat il-pussess tal-atturi jsegwi li sehh l-ispoll. Izda l-konvenuta qed issostni li sabiex dan ir-rekwizit jkun soddisfatt l-att jrid jkun klandestin u vjolenti. Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili jikellem fuq il-klandestinita` jew vjolenza biex wahda minn dawn tkun bizzejjed biex tiggustifika l-att bhala wiehed spoljattiv. Inoltre jigi rilevat li l-kwalifika ta' klandestinita' jew vjolenza trid tinftiehem fil-kuntest tan-non akkwiexxenza tal-kontro-parti fl-att allegatament spoljattiv. Dan billi kull meta parti taccetta jew tikkonsentixxi li jsir dak l-att ma tistax, fi stadju ulterjuri, tadixxi l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili nkwantu bil-kunsens taghha ghal dak l-att tkun qedgha in effetti tirrinunzja ghall-azzjoni ta' spoll.

Fil-kaz in ezami izda din il-Qorti hija tal-fehma li l-att perpetrat mill-konvenuta mhux talli kien klandestin u vjolenti, ghar-ragunijiet li ser jissemmew hawn taht, izda talli kien ukoll bi sfida tal-awtorita` gudizzjarja.

Jirrizulta, kif riportat fuq, li bejn id-data tas-sentenza u d-data meta saru x-xogholijiet, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar kif kellha tigi ezegwita dik il-parti dispositiva tas-sentenza li tat il-fakolta` lill-konvenuta biex taghmel xogholijiet biex b'hekk tehles mid-dritt ta' passagg reklamat mill-atturi. Irrizulta ukoll li f'diversi okkazzjoni, kemm fuq rikorsi tal-istess konvenuta, kif ukoll fuq rikorsi tal-istess perit inkarigat mix-xogholijiet, l-Qorti ta' l-Appell issottolineat il-fatt li bis-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992, l-istess konvenuta ma kienet inghatat ebda dritt li tinvadi jew taghmel uzu minn proprjeta` ohra mhux in kawza biex taghti lil-atturi d-dritt ta' passagg minnhom reklamat u aggudikat bl-istess sentenza. Irrizulta ukoll li minkejja d-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru, 1992 meta allura x-xogholijiet ma kienux ghadhom saru, u liema digriet kien jippuntwalizza l-posizzjoni ezatt, xorta wahda l-istess konvenuta, ezegwit ix-xogholijiet fit-18 ta' Settembru, 1992 u cioe` fi zmien gurnata minn meta l-Perit nkarigat infurmaha li setghet taghmel x-xogholijiet kif kien suggerit minnu.

Il-konvenuta lanqas ma tista` tinheba wara l-fatt li hija kienet qed tezegwixxi ordni ta' ufficjal tal-Qorti u cioe` l-Perit Dimech billi dak l-istess ordni kien manifestament skorrett u ngust u l-istess konvenuta kient konxja tal-fatt li x-xogholijiet proposti mill-istess perit ma kienux konformi mas-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992. B'dana kollu b'meravilja kbira l-istess konvenuta irnexxilha, f'gurnata, taghmel ix-xogholijiet kollha li jidhru fir-ritratti ezebiti mill-atturi a fol. 51 tal-process.

Lanqas ma hija korretta l-konvenuta fl-asserzjoni taghha li l-Qorti kienet accettat l-pjan propost mill-Perit Dimech billi d-digriet tal-14 ta' April, 1992, tant citat mid-difensur tal-konvenuta bhala li jiffavorixxi t-tezi taghha f'dan is-sens, jaghmel enfazi li x-xogholijiet li l-konvenuta taghzel li taghmel skond is-sentenza kellhom isiru "minn parti tal-hanut stess....."

Illi minn dak fuq espost jidher li l-atturi ssodisfaw ir-regola tal-ligi f'azzjonijiet ta' spoll a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-

Kodici Civili. L-aggravji tal-konvenuta ghalhekk qed jigu rigettati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michuda u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellanti u billi jidher li dan l-appell kien sostanzjalment frivolu u vessatorju u intiz biss biex ma tinghatax effett lis-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1993, moghtija minn din il-Qorti, tordna li l-konvenuta thallas l-ispejjez darbtejn ta' dan l-appell.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-15 ta' Jannar, 1999, qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------